Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 46/16

**AVVIŻI**

**13 ta' Novembru 2016**

*Illum* issir il-ġabra għall-iskejjel tal-Knisja. Ngħinu sabiex ikunu jistgħu ikomplu jaqdu d-dmir tagħhom li jagħtu edukazzjoni nisranija.

*Illum* il-Ħadd 13 ta' Novembru l-membri tal-Kumitat Festa sa jkunu qegħdin jagħmlu ġabra bieb bieb għall-Festa Titulari.

Nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru wara l-quddiesa ta' filgħaxija sa ssir laqgħa qasira ta' provi tal-kant tal-Avvent. Kulħadd mistieden.

Bi tħejjija għall-festa ta' Kristu Re nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru jkollna Adorazzjoni Ewkaristika wara l-quddiesa ta' Filgħaxija.

Nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru hija l-Festa ta' Kristu Re. Dakinhar jasal fi tmiemu l-ġublew tal-Ħniena. Kulħadd huwa mistieden jieħu sehem fil-quddiesa li sa jmexxi Mons. Arċisqof fil-Katidral tal-Imdina fis-6pm.

Nhar is-Sibt 26 ta' Novembru sa ssir Pizza Night fiċ-Ċentru Parrokkjali. Booking fis-sagristija.

Matul ix-xahar ta' Novembru jkun hemm quddiesa fil-kappella taċ-ċimiterju nhar ta' Erbgħa, Ġimgħa u l-Ħadd fil-11.30am.

Infakkru li l-quddiesa ta' kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija matul Novembru tkun b'suffraġju għal dawk li jkun hemm isimhom fil-qoffa fuq l-altar ta' Sant'Antnin. Tistgħu tieħdu l-formoli minn ħdejn il-bibien tal-Knisja.

Waslu biex jiftħu l-applikazzjonijiet għall-iskejjel tal-Knisja. Issibu informazzjoni fuq is-sit elettroniku www.thechurchinmalta.org u mill-istess skejjel.